A.L. 163 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1994 li Jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 li Jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), liema Tieni Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 1994.

Jemenda l-partita 13 ta' l-Iskeda.

2. (a) Minnufih wara il-kelma "skola." fil-partita 13(c) ta' l-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:

"Trasport ieħor għal skola organizzat jew provdut minn uffiċċju ċentrali;".

(b) Minnufih wara l-partita 13(c) ta' l-Iskeda għandu jidħol dan li ġej:

"(d) trasport provvist jew organizzat minn prinċipal jew minn uffiċċju ċentrali biex jittrasporta l-impjegati minn u lejn il-post tax-xogħol u li għandu l-għarfien bħala hekk mill-Kummissarju;

(e) għall-finijiet tal-partiti 13(ċ) u (d) ta' dawn ir-regolamenti, "uffiċċju ċentrali" għandu jkollu t-tifsira mogħtija bl-Avviż Legali Nru. 144 ta' l-1991.".